KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITÀ

NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY

MALTA

*Stqarrija ghall-Media Kollha*

*Messagg ghall-Jum il-Mara tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita`*

# Il-Mara u d-Dizabilita'

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' temmen li l-ebda persuna m'ghandha tkun imcahhda mill-opportunitajiet li toffri s-socjeta` minhabba l-kundizzjoni fizika jew mentali taghha. Din il-pozizzjoni hija ukoll sostenuta u infurzata mill-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita).

Il-Kummissjoni temmen ukoll li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandhom jigu mharsa ghall-persuni kollha. B'mod partikolari ghandu jkun hemm rispett u harsien tad-drittijiet ta' persuni li huma izjed vulnerabbli. Sfortunatament in-nisa b'dizabilita' huma vulnerabbli hafna u jiffaccjaw diskriminazzjoni fuq zewg fronti: minhabba d-dizabilita' u minhabba l-fatt li huma nisa'.

Il-Kummissjoni tinnota li hafna drabi d-dizabilita` hi kundizzjoni imposta mis-socjeta` fuq il-persuna minhabba nuqqas ta' accessibilta` u solidarjeta`. Minhabba f'hekk hemm nuqqas ta' integrazzjoni ekonomika u socjali tal-persuni b'dizabilita', partikolarment tan-nisa b'dizabilita'.

Fil-fatt hemm studji li juru li n-nisa b'dizabilita:
- huwa inqas probabbli li jizzewgu minn irgiel b'dizabilita`;
- jiddivorzjaw jew jissepraraw kwazi d-doppju ta' irgiel b'dizabilita';
- huma izjed vulnerabbli ghall-vjolenza u abbuz.

Fil-kamp ta' l-impjiegi din id-diskriminazzjoni doppja li tolqot lin-nisa b'dizabilita' tidher b'mod mill-aktar car. Statistika mahruga mill-Ufficcju Nazzjonali ta' l-Istatistika turi li r-rata ta' persuni li ghandhom impjieg tonqos jekk inti mara (meta mqabla mal-irgiel) u jekk ghandekx jew ma ghandekx dizabilita' bin-nisa b'dizabilita' bir-rata l-aktar baxxa. Bil-kontra, in-nisa b'dizabilita` huma l-aktar inattivi fir-rigward ta' impjieg fis-Socjeta` taghna:

| | **Impjegati** | **Mhux Attivi** | **Ifittxu x-xoghol** |
|---|---|---|---|
| Irgiel | 67% | 29% | 4% |
| Irgiel b'dizabilita' | 44% | 51% | 5% |
| Nisa | 28% | 70% | 2% |
| Nisa b'dizabilita' | 16% | 81% | 3% |



Đentru Óidma Soðjali, Triq Braille, Sta. Venera ÓMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Đentru: 441311, ext. 218 Email: helpdesk@knpd.org

Ghalhekk il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita', f'Jum il-Mara ta' din is-sena li tahbat ukoll is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizbilita' tixtieq tibghat messagg lis-Socjeta` Maltija biex fit-tentattivi taghha li tizdied r-rata ta' partecipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xoghol, ma tinsiex il-bzonn li dan ikun jghodd ukoll ghan-nisa b'dizabilita`. Dan jehtieg li jsir mhux biss billi naghmlu dikjarazzjonijiet verbali imma billi jinholqu skemi fejn id-differenzi li hemm minhabba d-dizabilita` jigu rikonoxxuti u kkumpensati. Hemm bzonn ta' strutturi li joffru s-sapport mehtieg biex il-persuni b'dizabilita', b'mod specjali n-nisa, jkunu jistghu jidhlu fid-dinja tax-xoghol u hekk ikunu cittadini produttivi fis-Socjeta` taghna.

---